

Brussell, 18 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8727/21

AUDIO 53
SOC 265
DIGIT 59

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8025/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li Jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li Jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni", kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-17 u t-18 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

"Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR FID-DOKUMENTI TA' REFERENZA LI JINSABU FL-ANNEX

FILWAQT LI JFAKKAR

1. Li s-settur Ewropew tal-media¹ huwa wiesa' u varjat u jinkludi l-media editorjali kollha bħall-media tal-aħbarijiet, kif ukoll is-settur awdjoviżiv usa', u li għandu rwol ewlieni fil-kompetittività Ewropea, id-diversità kulturali, il-benesseri taċ-ċittadini u d-dibattitu demokratiku.
2. Fil-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika, li ddeskrivew l-isfidi futuri għas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, b'mod partikolari fir-rigward tas-sostenibbiltà tagħhom, li hija kruċjali għar-reżiljenza u l-irkupru tal-ekonomija Ewropea.
3. Li l-pandemija tal-COVID-19 aċċentwat il-bidliet sinifikanti li diġà kienu qed iseħħu fis-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u b'hekk żdiedet il-ħtieġa li jiġu ppreservati u protetti l-assi kulturali strateġiċi Ewropej tagħna.

¹ Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, il-frażi "media tal-aħbarijiet u s-settur awdjoviżiv" tirreferi għas-settur tal-media fid-diversità kollha tiegħu.

4. Fl-impatt kbir tal-pandemija fuq is-settur Ewropew tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, inkluż it-telf sinifikanti ta' dħul mir-reklamar, l-għeluq tas-swali taċ-ċinema u s-suspensjoni totali jew parzjali tal-iffilmjar, il-pożizzjoni li qed tiddgħajjed tad-distributuri tal-films u ż-żieda fil-piraterija online.
5. Li s-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv għandhom rwol importanti waqt il-pandemija billi jipprovdu informazzjoni u divertiment liċ-ċittadini waqt lockdowns u restrizzjonijiet.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

6. Il-gosti u l-ispečifčitajiet lokali, reğionali jew nazzjonali li jirriflettu d-diversità u l-pluraliżmu kulturali u lingwistiċi ta' valur tal-Ewropa, u li jissodisfaw ħtiġijiet u domandi nazzjonali jew reğionali speċifiċi jistgħu jikkawżaw frammentazzjoni tas-suq. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex l-industrija awdjoviżiva Ewropea tkun tista' tilħaq swieq u udjenzi usa' u aktar diversi fl-Ewropa u lil hinn minnha.
7. Huwa ta' importanza kbira li jiġi promoss għaċ-ċittadini kollha aċċess inklużiv u nondiskriminatorju għar-riżorsi tal-media u dawk awdjoviżivi, biex b'hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu demokratiku. Huwa daqstant importanti li tiġi promossa l-parteċipazzjoni inklużiva ta' diversi professjonisti fil-katina tal-valur tal-media. F'termini ta' aċċess, għandhom jitqiesu, fost l-oħrajn, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi u l-bilanċ ġeografiku.
8. Il-media tas-servizz pubbliku għandha rwol ċentrali biex tiddefendi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, tippermetti lin-nies jirċievu informazzjoni affidabbli u fattwali u tippromwovi l-valuri fundamentali tad-demokrazija.

9. Hemm bżonn azzjoni urġenti biex:
- a) tiġi promossa t-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv sabiex jaħtfu l-opportunitajiet ippreżentati mit-teknoloġiji innovattivi u emerġenti;
 - b) jiġi żviluppat aktar is-suq uniku diġitali sabiex tissaħħaħ il-kompetittività globali u l-firxa transfruntiera tas-settur awdjoviżiv fl-Ewropa, filwaqt li jiġi żviluppat il-kontenut lokali u d-diversità kulturali;
 - c) jiġi rikonoxxut li l-mudelli ta' negozju eżistenti fis-settur awdjoviżiv spiss huma bbażati fuq l-allokazzjoni territorjali u esklużiva tal-liċenzjar, jibqgħu essenzjali għal-libertà tal-kreattività, il-finanzjament, is-sostenibbiltà u jipprovdu l-bażi għall-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda f'dan is-settur.
10. Is-sostenibbiltà ta' ġurnaliżmu ta' kwalità, il-proċessi editorjali bbażati fuq l-etika u l-istandards ġurnalistiċi, it-trasparenza tas-sjieda tal-media u l-litteriżmu medjatiku huma essenzjali biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-media tal-aħbarijiet, biex b'hekk tkun aktar effettiva fil-prevenzjoni tat-tixrid u l-kxif tal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni.
11. Is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament jagħmlu l-media tal-aħbarijiet aktar reżiljenti għall-bidla ekonomika u jwasslu għal tkabbir fil-ġurnaliżmu ta' kwalità għolja, l-indipendenza tal-media u r-rappurtar oriġinali.
12. L-appoġġ għas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv m'għandux idgħajjef il-prinċipji tal-indipendenza editorjali, il-libertà tal-media u l-libertà artistika, u għandu jippromwovi l-libertà tal-espressjoni, il-pluraliżmu u d-diversità tal-kontenut.

13. Is-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-indirizzar tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, permezz ta' prattiki kummerċjali u mudelli ta' negozju sostenibbli u l-kopertura ġurnalistika tagħhom, li tikkontribwixxi għal dibattitu infurmat.
14. Il-ħoloq kollha tal-katina tal-valur għandhom jibbenefikaw mit-trasformazzjoni tas-settur tal-media, li huwa l-oġettiv tal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż is-swali taċ-ċinema u l-festivals, li huma ċentri kulturali u ta' innovazzjoni li joffru opportunitajiet imtejba għall-interazzjoni soċjali u għall-promozzjoni ta' kontenut awdjoviżiv ġdid. Huwa essenzjali wkoll li jissaħħaħ ir-rwol tad-distribuzzjoni.

FILWAQT LI JENFASIZZA:

15. L-istrumenti u l-azzjonijiet finanzjarji li jistgħu jintużaw biex jiġu appoġġati s-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, bħal:
 - a) fil-livell nazzjonali, mill-aġenziji tal-films u dawk awdjoviżivi u l-gvernijiet.
 - b) fil-livell tal-UE, inkluż permezz tal-programm Ewropa Kreattiva mill-2021 sal-2027, Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, u InvestEU; u
 - c) l-istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-miżuri appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

JILQA':

16. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni mfassal biex iħaffef l-irkupru u t-trasformazzjoni tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv u jżid ir-reżiljenza tagħhom, li b'hekk joffri mezzi li bihom jiġu żgurati s-sostenibbiltà fit-tul, l-innovazzjoni u aktar kooperazzjoni bejn l-atturi kollha.
17. Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea tal-Kummissjoni, imfassal biex isaħħaħ ir-reżiljenza tad-demokraziji tagħna, u b'mod partikolari biex jippromwovi l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini permezz tal-media, il-libertà tal-media, il-litteriżmu medjatiku u l-pluraliżmu, u biex jiżgura s-sikurezza tal-ġurnalisti.
18. L-isforzi li saru biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi fi ħdan il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-swieq tal-media tal-UE u jiġu indirizzati sfidi ġodda li qed jitfaċċaw f'dawn is-swieq.
19. L-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw malajr u b'mod konsistenti d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (id-Direttiva AVMS)², id-Direttiva dwar is-Sat Cab³ u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur⁴, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tingħata spinta lill-irkupru u jissaħħu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv.

² Id-Direttiva 2010/13/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2019/790.

JENFASIZZA:

Ir-rilevanza u l-importanza tal-azzjonijiet kollha fil-Pjan ta' Azzjoni, u l-urġenza li jiġu implimentati:

20. L-għodda online, li tipprovdi informazzjoni mfassla apposta u faċilment aċċessibbli dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, biex b'hekk il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw malajr u faċilment l-informazzjoni dwar diversi programmi u sejħiet.
21. L-inizjattiva MEDIA INVEST, li tista' tiġi appoġġata wkoll mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, flimkien mal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u li għandha l-għan li tagħti spinta lill-investiment u li tappoġġa kumpanniji ta' produzzjoni u distribuzzjoni indipendenti ferm innovattivi u kreattivi, filwaqt li tippromwovi d-diversità tal-kontenut u l-atturi involuti, u tiggarantixxi l-indipendenza u d-diversità fis-settur.
22. L-inizjattiva NEWS, imfassla biex tindirizza l-isfidi u l-ispeċifikitajiet tas-settur tal-media tal-aħbarijiet, billi tgħaqqad is-self, il-finanzjament tal-ekwità, l-azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet u l-għotjiet li jappoġġaw l-ittestjar ta' mudelli ġodda ta' negozju, il-ġurnaliżmu kollaborattiv u transfruntier, it-taħriġ u l-mobbiltà tal-professjonisti, u l-ħolqien ta' Forum Ewropew dwar il-Media tal-Aħbarijiet li fih il-partijiet interessati kollha, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali, jistgħu jiddiskutu l-isfidi, l-opportunitajiet, il-kwistjonijiet tal-politika tal-media tal-aħbarijiet u modi kif tiżdied is-sikurezza tal-ġurnalisti.
23. It-trawwim tal-ħolqien ta' spazju tad-data tal-media bħala infrastruttura komuni Ewropea tad-data mibnija madwar standards komuni, interoperabbiltà u governanza għall-appoġġ tal-pubblikaturi tal-aħbarijiet, ix-xandara u kumpanniji oħra tal-media fl-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju mmexxija mid-data, soluzzjonijiet u applikazzjonijiet innovattivi.

24. L-iżvilupp ta' sett ta' għodod għal-litteriżmu medjatiku, flimkien mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) u l-Grupp ta' Esperti dwar il-Litteriżmu tal-Media, biex jgħinu liċ-ċittadini jaċċessaw u jagħmlu użu effettiv, responsabbli, sofistikati u kritiku mill-informazzjoni u l-media, u biex joħolqu u jikkondividu b'mod sikur u responsabbli kontenut tal-media permezz ta' pjattaformi differenti.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHOM, BIEX:

25. Jieħdu vantaġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, billi jippreżentaw pjanijiet ċari u robusti biex isir investiment fl-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, filwaqt li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' inizjattivi multinazzjonali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-proġetti Ewropej fil-livell internazzjonali u titrawwem udjenza Ewropea.
26. Ikompli jikkondividu informazzjoni u l-aħjar Prattiki Rigward, b'mod partikolari, azzjonijiet u inizjattivi ta' appoġġ pubbliku għas-settur awdjoviżiv, li jkopru b'mod aktar speċifiku l-produzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut Ewropew, kif ukoll miżuri effettivi li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u l-inklużjoni soċjali.
27. Jappoġġaw aktar il-koproduzzjonijiet Ewropej, inkluż billi jiżguraw li l-fondi awdjoviżivi joffru strumenti ta' appoġġ kompatibbli.
28. Jiżguraw l-implimentazzjoni tal-obbligi relatati mal-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u d-diversità kulturali f'ħdan is-servizzi on-demand filwaqt li jesploraw modi li jiffaċilitaw il-kwalifikazzjoni ta' "xogħlijiet Ewropej" disponibbli għall-fornituri u r-regolaturi tas-servizzi tal-media, inkluż permezz ta' għodod teknoloġiċi (bħal VOD LUMIERE) fil-livell Ewropew.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHA U
F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

29. Tippetwovi inizjattivi ta' bini tal-kapaċitajiet u opportunitajiet għan-networking u l-kooperazzjoni sabiex dawn jgħinu lil atturi żgħar tal-media b'inqas riżorsi biex ilaħħqu mal-proċeduri kumplessi li jagħtu aċċess għall-programmi ta' finanzjament.
30. Tikkunsidra r-rwol tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv fid-Deċennju Diġitali tal-Ewropa, biex jipprova l-kontribut tagħhom għat-trasformazzjoni diġitali, l-irkupru u t-tmexxija internazzjonali sal-2030.
31. Tippetwovi t-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv filwaqt li tikkombinaha mal-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19 permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, bl-użu ta' kanali bħall-pjattaforma tal-Patt Klimatiku Ewropew, li jistgħu jibbenefikaw mis-sinerġiji u l-iżviluppi reċenti li jikkonċernaw il-kalkulaturi ambjentali u s-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-produzzjoni sostenibbli ta' films u attivitajiet awdjoviżivi oħra. Il-ħolqien ta' prerekwiżiti armonizzati għas-sostenibbiltà għandu jiġi previst, flimkien ma' inċentivi għal iffilmjar ekoloġiku u l-implimentazzjoni possibbli ta' ċertifikati ta' iffilmjar ekoloġiku.
32. Issaħħaħ il-koerenza, l-aċċessibbiltà u s-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE, jiġifieri Ewropa Kreattiva, Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, InvestEU u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, sabiex jiġi żgurat kemm l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni kif ukoll is-sostenibbiltà tal-miżuri meħtieġa għal irkupru u trasformazzjoni fit-tul.
33. Tevalwa l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għas-setturi kulturali u kreattivi, bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għall-adattament.

34. Tagħti spinta liċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut Ewropew fl-Ewropa u internazzjonalment, billi tiffaċilita l-kooperazzjoni dwar il-produzzjoni u d-distribuzzjoni, inkluż il-koproduzzjonijiet u l-mudelli ta' negozju innovattivi, li t-tnejn li huma spiss ikunu bbażati fuq l-allokazzjoni territorjali u esklużiva tad-drittijiet ta' liċenzjar.
35. Tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, sabiex tivvaluta l-progress tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, tadattah għall-iżviluppi fis-suq jew tippreżenta azzjonijiet ulterjuri.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

36. Jiżguraw il-preżenza ta' qafas leġislattiv u ta' politika li jippermetti lill-atturi tal-media:
- a. jimmonetizzaw il-kontenut tagħhom, kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika;
 - b. jesploraw id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u l-għażliet ta' sostenibbiltà fit-tul, inkluż permezz ta' sħubiji pubbliċi-privati, sabiex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività globali tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv;
 - c. jiżviluppaw u jużaw teknoloġiji ġodda fis-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv, b'mod partikolari t-teknoloġiji bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, biex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet u jgawdu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' dawn it-teknoloġiji filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet u l-valuri fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, id-diversità tal-kontenut Ewropew u l-pluraliżmu;

- d. jirkupraw mill-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju pubbliku;
 - e. jappoġġaw il-kollaborazzjoni transfruntiera bejn l-atturi tas-suq awdjoviżiv sabiex is-suq ikun jista' jespandi u jikkompeti fil-livell Ewropew u globali billi jiġi prodott u mqassam kontenut bil-potenzjal li jattira udjenzi internazzjonali.
37. Jikkollaboraw u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-promozzjoni ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew u faċilità ta' rintraċċabbiltà u skopribbiltà aktar faċli, u jippromwovu l-libertà, id-diversità u l-kreattività artistiki billi jinvestu fit-talent u l-kreazzjonijiet Ewropej u jappoġġawhom.
38. Jaħdmu ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil ġurnalisti professjonali, ċentri tal-ġurnaliżmu, skejjel u universitajiet dwar it-tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet fil-media tal-aħbarijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-etika u l-kompetenzi diġitali, sabiex jinkiseb ġurnaliżmu ta' kwalità għolja u reżiljenti.
39. Jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet foqasma ewlenin għall-futur tal-media tal-aħbarijiet u tal-kumpanniji awdjoviżivi billi jsaħħu l-kapaċitajiet professjonali biex jadattaw għal sfidi futuri.
40. Jaħdmu mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tal-media, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO, sabiex jinstabu sinerġiji bejn inizjattivi mfassla biex jappoġġaw l-irkupru u t-trasformazzjoni filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza u l-pluralità tas-settur tal-media tal-aħbarijiet u dak awdjoviżiv.
41. Jiskambjaw l-aħjar prattiki u jappoġġaw il-litteriżmu medjatiku sabiex isaħħu l-ħiliet kritiċi taċ-ċittadini u jgħinuhom jagħmlu għażliet infurmati u joħolqu u jaqsmu kontenut tal-media b'mod sikur u responsabbli fuq pjattaformi differenti.

42. Jikkontribwixxu biex tizzied il-kapaċità tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) u jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali ta' finanzjament tal-films u dawk awdjoviżivi u l-awtoritajiet rilevanti.
43. Jaħdmu fuq soluzzjonijiet li jippermettu li l-garanziji tal-assigurazzjoni jkopru r-riskju relatat mal-COVID-19 għall-produzzjoni awdjoviżiva, b'mod partikolari, b'enfasi speċifika fuq il-koproduzzjonijiet.
44. Jimpenjaw ruħhom fi djalogu mal-industrija awdjoviżiva, bl-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, biex jieħdu passi konkreti biex jippromwovu aċċess usa' għall-kontenut fis-suq intern u d-disponibbiltà tiegħu, f'konformità mar-regoli tad-drittijiet tal-awtur, u biex jgħinu lis-settur awdjoviżiv Ewropew jilħaq udjenzi ġodda u joffri lill-konsumaturi firxa wiesgħa ta' kontenut, filwaqt li jippromwovu l-kompetittività tas-settur u remunerazzjoni ġusta u jieħdu kont tar-rwol tal-allokazzjoni territorjali u esklużiva tad-drittijiet ta' liċenzjar fil-ffinanzjament tas-settur awdjoviżiv u l-industrija tal-films.

Dokumenti ta' politika rilevanti

Kunsill Ewropew

- *Konklużjonijiet adottati fil-laqqha straordinarja tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020* (EUCO 13/20).
- *Konklużjonijiet adottati fil-laqqha straordinarja tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020* (EUCO 10/20).
- *Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024* (adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019).

Dikjarazzjonijiet Ministerjali

- Dikjarazzjoni dwar il-kultura fiż-żminijiet tal-kriżi tal-COVID-19 (April 2020).
- The Bucharest Declaration of the Ministers of Culture and their representatives on the role of culture in building Europe's future (Id-Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-Ministri għall-Kultura u tar-rappreżentanti tagħhom dwar ir-rwol tal-kultura fil-bini tal-ġejjieni tal-Ewropa) (April 2019).

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika* (ĠU C 422, 7.12.2020, p. 8).
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa* (ĠU C 202, 16.6.2020, p. 1).
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel* (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 23).
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali* (ĠU C 457, 19.12.2018, p. 2).
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ* (ĠU C 212, 14.6.2016, p. 5).

Kummissjoni Ewropea

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - *Dwar il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea*, COM(2020) 790 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - *Il-Patt Klimatiku Ewropew*, COM(2020) 788 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - *Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni*, COM(2020) 784 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - *Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE*, COM(2020) 760 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - *Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa*, COM(2020) 67 final.

Kunsill tal-Ewropa

- Recommendation CM/Rec(2018)1[1] of the Committee of Ministers to Member States on media pluralism and transparency of media ownership (Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)1[1] tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media).
- Recommendation CM/Rec(2018)2 of the Committee of Ministers to Member States on the roles and responsibilities of internet intermediaries (Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tal-internet).
- Declaration by the Committee of Ministers on the financial sustainability of quality journalism in the digital age, Decl(13/02/2019)2 (Dikjarazzjoni mill-Kumitat tal-Ministri dwar is-sostenibbiltà finanzjarja tal-ġurnaliżmu ta' kwalità fl-era diġitali, Decl(13/02/2019)2).
